**NOMINA TA' DOTT RAYMOND BONDIN GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-PAKISTAN**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X'taħseb li huma l-isfidi li għandu l-Pakistan? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?

   *Il-Pakistan bħalissa għaddej minn sfidi kbar ekonomiċi wara perjodu relattivament tajjeb fil-konfront tal-covid. Dan huwa riżultat tal-fatt li hu pajjiż li jiddependi ħafna fuq importazzjoni, anki fil-qasam tal-ikel. Il-previżjoni hija waħda ta' kriżi ekonomika kbira u bżonn ta` aktar għajnuna finanzjarja mil-IMF u l-EU. Naħseb li l-istand ta` Malta għandha tkun waħda ta` appoġġ mill-EU lejn stabilità fil-pajjiż meta wieħed jara kemm il-Pakistan hu ta importanza strateġika f`żona pjuttost imqanqla minn konflitti storiċi. Dan anki fid-dawl ta' preżenza ta' numru dejjem jikber ta' residenti mill-Pakistan f`pajjiżna.*

2. Bħala Ambaxxatur mhux Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn il-Pakistan u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   *Il-ħidma ta' Ambaxxatur mhux residenti mhix faċli u ftit tista' tinfluwenza dak li fir-realtà jsir. Malta għandha relazzjoni storika tajba ħafna mal-Pakistan: biżżejjed niftakru li kienu huma li għajnuna biex twaqqfet l-Air Malta u kellna, u għandna, wkoll numru ta' tobba minn hemm li ilhom hawn is-snin. Però llum fuq livell ekonomiku kważi ma hemmx rabtiet. Ftit nesportaw u nimportaw. Naħseb li rridu nipprovaw intejbu dan u naraw x'nistgħu noffru lill-Pakistan. Ċert li nistgħu ntejbu r-relazzjoni tagħna magħhom fuq livell ekonomiku u anki fil-qasam edukattiv u ta riċerka, Irridu nżidu l-kuntatt bilaterali barra dak li jsir permezz tal-UE.*

3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Pakistan? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

   *Huwa kmieni wisq għalija li niddentifika n-niċeċ li nistgħu naħdmu fuqhom u dan jiddependi fuq dak li għad irrid nisma' mingħandhom, però jien ċert li nistgħu nerġgħu nqajmu r-relazzjonijiet storiċi li kellna u naħdmu fuq ħwejjeġ speċifiċi anki kummerċjali. Ma nafx x`inhuma l-bżonnijiet tagħhom.*

4. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

   *Hemm diversi trattati mal-EU li però għad irrid niġi infurmat fuqhom. Fuq livell bilaterali jidher li kważi ma hemm xejn li hu attiv illum. Għalhekk hemm ħafna fuq xhiex wieħed jista' jaħdem.*

5. Kif tara li Malta u l-Pakistan jistgħu jikkollaboraw, b'mod partikolari fuq l-aspett agrikolu u tas-servizzi? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok Bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

   *Kif għidt huma jiddependu ħafna fiq imports speċjalement ta' ikel. Malta tista' toffri prodotti agrikoli u ikel manifatturat li jien ċert jista' jsib suq hemm. Pero f`dal-mument ma nafx biżżejjed dwar dan.*

6. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   *Fuq livell personali ili aktar minn 30 sena nikkolabora mal-UNESCO li jibagħtuni biex nagħmel rapporti dwar wirt storiku d-dinja kollha. Żort 62 pajjiż magħhom. Illum ftit li xejn niġi mitlub. Jien kont u għadni magħruf li nintbagħat f`pajjiżi fejn kien hemm ukoll problemi diplomatiċi u mhux biss fuq wirt, Ilni mill-2004 nikkolabora mal-Palestina, biex nagħti eżempju. Mal-Ministeru tagħna kont għamilt erba' snin bħala l-Ambaxxatur u Delegat Permanenti ta' Malta għall-UNESCO [non residenti u onorarju, ċjoè bla honorarium] u sena bħala Charges d`Affaires fl-Ambaxxata ta' Malta f`Liżbona. F`dawn l-aħħar erba` snin, s`issa, kont l-Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta għall-Bulgarija.*

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   *Il-kuntatti bejn Malta u l-Pakistan huma kważi non-eżistenti, anki mil-lat ta' kummerċ. Il-kuntatti huma prattikament kollha tra l-UE. Naħseb li hemm lok li naħdmu biex inkabbru l-kuntatti bilaterali speċjalement fil-qasam ta' esportazzjoni ta' ikel maħdum. Però għad irrid nisma' x`inhuma l-bżonnijiet tagħhom.*

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

   *Wara li fil-passat għamilt erba' snin bħala l-Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta għall-UNESCO u dawn l-aħħar erba' snin bħala l-Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta għall-Bulgarija naf kemm hu difficli li tkun Ambaxxatur non residenti, aktar u aktar ma pajjiż daqshekk `l bogħod. Nemmen però li kemm minħabba l-istorja tagħna kolonjali u kemm minħabba l-kuntatti storiċi tagħna mal-Pakistan nistgħu nerġgħu naħdmu biex inkabbru r-relazzjoni bilaterali tagħna.*

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?

*Malta u l-Pakistan kienu t-tnejn kolonji tal-Ingilterra, Fis-snin sebgħin kellna kuntatti bilaterali tajbin imma llum kważi non-eżistenti. Il-kummerċ magħhom hu kważi non-eżistenti però aħna llum ovvjament nimxu ma' dak li tagħmel l-UE. Malta wkoll hawn preżenza qawwija ta' Pakistani li ġew jaħdmu hawn u jidher li t-talbiet minn hemm qed jikbru.*

4. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż?

   *Jien żort 63 pajjiż, prinċipalment biex nagħti parir fuq wirt għall-UNESCO però qatt ma żort il-Pakistan. Jien m'għandi ebda rabtiet jew investimenti kummerċjali la fil-Pakistan u mkien.*

5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

   *Għal 20 sena, 1987-2007, kont il-Kordinatur Eżekuttiv tal-Valletta [u Mdina/Kottonera 1997-2007] Rehabilitation Prokect fuq kuntratt. Mill-2007 sal-2021 kont impjegat ma' Heritage Malta. Illum jien iċ-Chairman tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-UNESCO fuq ononarium ta' 250 ewro fix-xahar.*

6. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

   *Le qatt ma kelli l-ebda kariga f`Ministeru jew Segretarjat.*

7. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   *Għal 4 snin kont l-Ambaxxatur u Delegat Permamenti ta' Malta għall-UNESCO bla ebda onorarium. Għamilt sena waħda Charges d'Affaires ta' Malta fl-Ambaxxata ta' Liżbona. Dawn l-aħħar erba' snin kont l-Ambaxxatur mhux residenti ta' Malta għall-Bulgarija.*

8. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

   *Ma għandi ebda kunflitt ta' interess.*

9. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?

   *M'għandi ebda passaport ħlief dak Malti.*